



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.11.2018
COM(2018) 757 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea

1 INTRODUZZJONI

Il-produzzjoni u s-sors minn fejn jinkisbu l-proteini tal-pjanti għas-settur agroalimentari ripetutament jistipula dibattitu politiku fil-livell tal-UE. Dan ir-Rapport huwa maħsub biex jissodisfa l-impenn tal-Kummissjoni li ttehed matul il-proċess ta' adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2393, biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-provvista u d-domanda għall-proteini mill-pjanti fl-UE u biex jesplora l-possibiltajiet biex il-produzzjoni tagħhom tiġi żviluppata ulterjorment b'mod ekonomikament u ambjentalment b'saħħtu.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew adotta Rapport f'April 2018 li jsejjaħ għal strateġija Ewropea biex tippromwovi għelejjel tal-proteini Ewropej¹.

Dan ir-Rapport jiġbor fil-qosor il-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni bi tweġiba għal dan l-impenn, billi janalizza s-settur tal-proteini fl-UE. Dan il-proċess involva partijiet ikkonċernati u rappreżentanti tal-Istati Membri permezz ta' s'tħarriġ; 4 workshops magħmula minn esperti fil-Belġju, fir-Rumanija, fi Franza u fin-Netherlands; diskussjonijiet bilaterali fl-Istati Membri kif ukoll studju estern dwar il-potenzjal tas-suq għall-proteini tal-pjanti mkabbrin fl-UE.


2 PROVVISTA U DOMANDA TAL-PROTEINI TAL-PJANTI FL-UE

Dan ir-rapport jiffoka fuq pjanti għonja fil-proteini b'kontenut ta' proteini mhux raffinati ta' iktar minn 15 % (żrieragħ żejtnin: lift, żerriegħa tal-ġirasol u fażola tas-sojja; ħemes: fażola, piżelli, għażż, lupin, eċċ.; u legumi tal-magħlef: l-iktar alfalfa u xnien), li jammontaw għal madwar 1/4 tat-total tal-provvista tal-proteini tal-pjanti mhux raffinati fl-UE.

Għalkemm iċ-ċereali u l-bur jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-total tal-provvista tal-proteini tal-pjanti tal-UE, dawn mhumiex koperti f'dan ir-rapport minħabba kontenut baxx ta' proteini u rilevanza baxxa għas-suq, rispettivament.

Fl-2016/17, id-domanda tal-UE għall-proteini tal-pjanti kienet tammonta għal madwar 27 miljun tunnellata ta' proteina mhux raffinata (Grafika 1). Is-suq tal-għalf huwa bil-bosta l-iktar suq importanti (93% f'volum²) u huwa fornut l-aktar mill-pasta taż-żrieragħ żejtnin³.

Graff 1 2016/17 L-użu tal-proteini mill-UE u s-sorsi tagħhom (f'miljuni ta' tunnellati ta' proteini mhux raffinati)



Sors: Kummissjoni tal-UE. "Kumpleks" tinkludi pasta, żrieragħ u fażola

¹ 2017/2116(INI).

² Ibbażat fuq stimi esperti (Agrosynergy 2018, għad irid joħroġ).

³ 2016/2017 Bilanċ tal Proteini tal-UE (EU Protein Balance Sheet)


Skont is-sors tal-proteina, ir-rata tal-awtosuffiċjenza tal-UE tvarja b' mod sostanzjali (79% tal-lift, 42% tal-ġirasol, 5% tas-sojja). Bħala konsegwenza, l-UE timporta kull sena madwar 17-il miljun tunnellata ta' proteini mhux raffinati (li minnhom 13-il miljun tunnellata huma bbażati fuq is-sojja u huma ekwivalenti għal 30 miljun tunnellata ta' fażola tas-sojja); prinċipalment mill-Brażil, mill-Arġentina u mill-Istati Uniti. L-UE timporta wkoll 1.5 miljun tunnellata ta' proteina mhux raffinata mill-ġirasol u sa miljun tunnellata tal-lift, it-tnejn importati l-aktar mill-Ukraina.

Il-qasam tas-sojja fl-UE rdoppja għal kważi miljun ettaru mir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fl-2013, bi produzzjoni tal-UE ta' 2.8 miljun tunnellata fl-2018. Il-produtturi ewlenin tas-sojja huma l-Italja, Franza u r-Rumanija.

Fil-każ tal-ħemes tidher ukoll tendenza pożittiva: mill-2013 il-produtturi kważi ttriplikat fl-UE u laħqet is-6 miljun tunnellata (2.6 miljun ettaru) fl-2018. Il-ħemes ewlenin huma l-piżelli ħodor u l-fażola faba, filwaqt li l-ġhazz u ċ-ċiċri huma mkabbra biss f'żoni limitati. Franza, Spanja u l-Litwanja huma l-produtturi prinċipali tal-piżelli ħodor; ir-Renju Unit u Franza jkabbri l-fażola faba.

Għal-lift — iż-żrieragħ żejtnin il-prinċipali mkabbra fl-UE — il-qasam żdied b'66 %, minn 4.1 sa 6.8 miljun ettaru bejn l-2003 u l-2018. Il-produtturi tal-UE laħqet l-20 miljun tunnellata —prinċipalment xprunata mid-domanda għall-bijodiżil (Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli). Il-prodott sekondarju tiegħu (il-grixa tal-lift) huwa sors importanti ta' għalf għani fil-proteini. Il-produtturi ewlenin tal-lift huma, Franza, il-Ġermanja u l-Polonja.

Graff 2 L-ishma taż-żoni tal-Istati Membri għall-ghelej tal-proteini fl-2017



Sors: Eurostat

Sors: Eurostat

Is-suq tal-ikel tal-proteini tal-pjanti huwa iżgħar (7% f'volum), iżda huwa potenzjalment konsiderament profittabbli. Fl-2017, kważi tliet (3) miljun tunnellata ġew ikkunsmati fl-UE: piżelli, fażola faba, ġhazz, ċiċri, ħemes oħra u fażola tas-sojja. L-UE timporta madwar miljun

tunnellata ta' ħemes għall-ikel, b'mod partikolari ċiċri u għażż. L-UE hija l-esportatur nett tal-piżelli ħodor u l-fażola faba.

3 ŻVILUPP FIS-SETTURI TAS-SUQ FL-UE


Is-suq tal-proteini tal-pjanti għandu tliet setturi differenti: għalf konvenzjonali, għalf ta' valur għoli, u ikel – u kull wieħed minn dawn għandu l-karatteristiċi ekonomiċi, soċjali u ambjentali distinti tiegħu.

3.1 Għalf kompost konvenzjonali

Is-suq tal-għalf kompost huwa bil-bosta l-akbar suq għall-proteini tal-pjanti. Żewġ terzi ta' dan is-suq huma għall-pollam (35 %) u għall-ħnieżer (33 %), filwaqt li r-ruminanti (baqar, nagħaġ, mogħoż) huma responsabbli għal 28 % tas-suq⁴. L-għalf tal-pollam u tal-annimali li jipproduċu l-ħalib huma l-ixprunaturi ewlenin għat-tkabbir annwali ta' 1 % (Grafika 3), filwaqt li l-għalf tal-ħnieżer ilu jistaġna.

Ir-rata ta' tkabbir mistennija tibqa' pożittiva sal-2030⁵, għalkemm din se tkun biss ta' 0.3 % fis-sena.

Graff 3 L-użu tal-għalf kompost fl-UE (2004-17)



Sors: *Produzzjoni tal-Għalf Kompost tal-FEFAC (1989-2017)*


Is-suq tal-għalf kompost konvenzjonali huwa xprunat b'mod konsiderevoli mill-prezz. Il-bdiewa li jrabbu l-bhejjem jiffukaw fuq il-“valur għal flushom” biex jissodisfaw il-ħtiġijiet nutrittivi tal-annimali tagħhom (il-kontenut ta' proteini u ta' amminoaċidu).

L-għalf tas-sojja huwa ingredjent privileġġat fil-formulazzjoni tal-għalf kompost, minħabba l-kontenut għoli ta' proteini tiegħu (aktar minn 40 %), il-kontenut ta' amminoaċidu u disponibbiltà tiegħu matul is-sena kollha, li jillimita l-ħtieġa għal riformulazzjoni frekwenti. Il-prospetti għal tkabbir tal-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE huma limitati fis-suq tal-għalf kompost konvenzjonali.

⁴ FEFAC (2017): statistika annwali.

⁵ Prospettiva għall-perijodu medju għall-agrikoltura tal-UE għall-2018, għad trid tiġi ppubblikata (Diċembru 18).

Graff 4 Rati ta' tkabbir annwali mistennija għall-prodotti tal-annimali fl-UE 2017-30, b'kollox u skont ir-reġjun



Sors: *Ħarsa ġenerali fuq perjodu ta' żmien medju lejn l-agrikoltura tal-UE (li-ġejja)*

Xejra oħra importanti hija l-bidla relattiva tal-produttività konvenzjonali tal-bhejjem lejn l-Ewropa tal-Lvant: fil-Polonja (b'mod partikolari t-tjur) u sa ċertu punt fl-Ungerija u r-Rumanija (Grafika 4), fejn l-ispejjeż tal-produttività huma aktar baxxi.

Din il-bidla tista' tistimula d-domanda għall-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE, peress li dawn ir-reġjuni jikkoinċidu maż-żoni ewlenin ta' produttività tagħhom.

3.2 Għalf tal-ogħla kwalità

Il-konsumaturi fl-UE saru iktar konxji dwar il-mod kif jiġu prodotti l-prodotti mill-annimali. Huma jitolbu standards ogħla fir-rigward tal-benesseri tal-annimali, l-impatt ambjentali (it-tibdil fil-klima/id-deforestazzjoni), it-tip ta' produttività (ibbażata fuq għalf organiku jew mhux ġenetikament modifikat), il-ktajjen ta' provvista reġjonali).

B'rispons għal dan, inħolqu setturi differenti fis-suq għall-għalf tal-ogħla kwalità fl-UE.

Tabella 1 Sehem ta' għalf mhux ġenetikament modifikati fi Stati Membri magħżula (2012)

Stat Membru	Pollam	Majjal	Frat	Total
Il-Ġermanja	49%		9%	
Ir-Renju Unit	28%			
L-Ungerija	100%	100%	100%	
L-Italja	15%	5%	11%	
Franza	10%	7%	19%	
L-Iżvezja	100%	100%	91%	
L-Awstrija	85%	5%	56%	
Il-Polonja	5%			
L-Irlanda	38%			
Id-Danimarka	28%			
UE	19%	5%	8%	11%

Sors: *Swieq għal mhux Ġenetikament Modifikati, Fażola tas-Sojja b'Identità Priżervata fl-UE, JRC, 2015*

Din it-tendenza hija l-iktar viżibbli għall-prodotti mill-annimali mhux ġenetikament modifikati: Per eżempju, fil-Ġermanja fl-2012, 9 % tal-għalf tal-bhejjem kien mhux ġenetikament modifikat (Tabella 1), filwaqt li fl-2017, il-ħalib ċertifikat-VLOG⁶ laħaq sehem mis-suq ta' aktar minn 40 %. Fl-Awstrija, l-iżviluppi huma simili għad-diversi oqsma fit-trobbija tal-bhejjem.

Sfortunatament, f'dan l-istadju analiżi aktar dettaljata dwar dawn l-iżviluppi hija ta' sfida, minħabba n-nuqqas ta' data komprensiva dwar is-setturi tal-għalf tal-ogħla kwalità fil-livell tal-UE.

⁶ VLOG (Verband Lebensmittel Ohne Gentechnik) hija assoċjazzjoni Ġermaniża li tiċertifika u li toħroġ it-tikketta 'Ohne Gentechnik' (ħieles mill-modifikazzjoni ġenetika).

Graff 5 Is-sitwazzjoni tas-suq Awstrijak


SEGMENT	ORGANIKU	BLA-MĠ
Frat	21% tal-frat	-
Ħalib	15% tal-ħalib	100% tal-ħalib
Tiġieġ li- jbid	12% of laying hens	~80-90% tal-bajd
Tiġieġ broiler	10% tat-tiġieġ broiler	~100% tat-tiġieġ
Majjal	2% tal-majjali	8% tal-majjali
Sojja tal-ikel	-	100%

Sors: Studju każistiku fl-Awstrija, Agrosynergy (2018, Forthcoming)

Dan joħloq opportunitajiet ekonomiċi għall-għalf imkabbar fl-UE, li huwa b'definizzjoni mhux ġenetikament modifikat. L-ammont li jiġihallas żejjed fuq il-prezz għas-sojja mhux ġenetikament modifikata huwa ta' madwar EUR 80-100 għal kull tunnellata, parzjalment biex ikopri r-rendiment aktar baxx u spejjeż oġhla, iżda wkoll bħala risposta għal disponibbiltà limitata. Huma biss 9 miljun tunnellata li jiġu nnegożjati madwar id-dinja bħala mhux ġenetikament modifikati⁷, u jirrappreżentaw 6% tal-kummerċ globali tal-fażola tas-sojja.

Fil-każ tal-produzzjoni organika qed jidhru wkoll rati għoljin ta' tkabbir fil-produzzjoni tal-annimali fl-UE, grazzi għad-domanda dejjem tikber ta' aktar minn 10% fis-sena bħala medja.

Graff 6 Rata ta' tkabbir annwali tal-produzzjoni tal-annimali b' mod organiku fl-UE



Sors: Eurostat

⁷ Rabobank: Decommoditising Soy, (It-tneħħija tas-sojja minn komodità), Rapport, Mejju 2018.

Fl-2016, 3 % tal-ħalib tal-UE kien organiku. Dan huwa mistenni li jikber għal 10 % sal-2030 F'5 Stati Membri (l-Awstrija, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Latvja u l-Greċja), l-ishma tas-suq diġà qabżu l-10 % (Tabella 2).

Tabella 2 Il-produzzjoni tal-ħalib b'mod organiku fl-2017(*2016)

Stat Membru	Sehem mis-suq f' maħleb totali	Produzzjoni organika (tunnellati)	Rata ta' tkabbir medja fuq 3 snin
L-Awstrija	19%	612.629	13%
L-Iżvezja	15%	414.233	4%
Il-Latvja	12%	96.549	3%
Il-Greċja	10%	57.289	2%
Id-Danimarka	10%	541.404	4%
Il-Ġermanja	3%	939.080	11%
Franza*	2%	611.450	6%
In-Netherlands	2%	247.795	7%
UE*	3%	4.501.983	11%

Sors: DG-AGRI

It-tkabbir fil-produzzjoni tal-annimali b'mod organiku jħalli impatt dirett fuq il-produzzjoni ta' legumi mnixxfen b'mod organiku u għelejjel ta' proteini oħra għall-għalf, b'rata ta' 11% fis-sena (Tabella 3). Din it-tendenza hija probabbli li tkompli u tista' saħansitra tkompli tiżdied.

Għar-ruminanti, it-tkabbir fil-produzzjoni b'mod organiku jiffavorixxi wkoll sistemi bbażati fuq il-ħaxix u għall-produzzjoni tal-għalf fuq il-post stess tal-impriża tal-biedja, biex

jintlaħqu l-ishma minimi għall-għalf prodott fl-impriża.

Tabella 3 Il-qasam tal-ħemes immixxfen u l-għelejjel tal-proteini (2016)

Stat Membru	Ettari (konvertiti u f'konverżjoni)	Sehem minn art harratija organika	Rata ta' tkabbir medju fuq 3 snin
Franza	85.827	10%	17%
L-Italja	43.986	5%	21%
Spanja	38.057	8%	-4%
Il-Ġermanja	37.863	8%	11%
Il-Litwanja	30.131	21%	3%
Il-Finlandja	15.526	7%	15%
L-Awstrija	14.274	7%	3%
L-Iżvezja	14.221	3%	10%
Il-Polonja	12.173	3%	29%
oħrajn	44.963	3%	15%
UE	337.021	6%	11%

Sors: Eurostat

L-iżvilupp qawwi tal-ktajjen tal-għalf tal-ogħla kwalità, huwa motivatur importanti għall-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE.


Id-domanda dejjem tikber għall-għalf mhux ġenetikament modifikat toffri lill-bdiewa tal-fażola tas-sojja tal-UE b'opportunitajiet, billi d-disponibilità barra l-Ewropa bħalissa hija limitata.

3.3 Is-Settur tal-ikel

Il-konsum tal-proteina tal-pjanti mill-bniedem qiegħed jiżdied f' bosta reġjuni tal-UE, speċjalment fl-Ewropa tal-Punent u tat-Tramuntana. B' mod partikolarment promettenti huwa *s-suq għall-alternattivi tal-laħam u tal-ħalib*, b'rati ta' tkabbir annwali ta' 14 % u 11 % rispettivament (Grafika 7).

Dan is-settur m'għadux suq niċċa, peress li kumpaniji kbar tal-ikel qed jidħlu fis-suq, kif ukoll bejjiegħa bl-imnut ewlenin taħt il-marka tagħhom stess. Madwar 90 % tal-alternattivi tal-laħam huma kkunsmati minn persuni veġetarjani każwali⁸. Il-bejjiegħa bl-imnut ħafna drabi jippromwovu prodotti bbażati fuq il-proteini tal-pjanti fuq l-istess xkafef bħal-laħam tradizzjonali u prodotti tal-ħalib.

Graff 7 Dħul mill-alternattivi tal-laħam u tal-ħalib fl-UE (2013-17)



Sors: DG AGRI, abbażi ta' Euromonitor

Is-suq tal-ħemes għall-ikel fl-UE qed jibbenefika minn innovazzjonijiet fil-proċessi ta' qabel it-tisjir, fl-inklużjoni tal-ħemes f'ikel tal-konvenjenza ppreparat u fl-iżvilupp ta' ħemes ġodda bħal 'edamame'.

Il-ħemes ukoll qed jibbenefikaw minn żieda fl-interess tal-konsumatur fi prodotti reġjonali. L-ismijiet lokali ta' ħemes b'karatteristiċi marbuta mal-post tal-produzzjoni tagħhom jistgħu jkunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti jew Denominazzjonijiet Protetti ta' Orġini Protetta.

⁸ Workshop ta' esperti tal-UE "Setturi tas-Suq fil-Proteini tal-Pjanti"

Qrib l-40 ħemes minn 8 Stati Membri differenti huma rikonoxxuti sal-lum: Spanja (eż. għażż Armuña), l-Italja, Franza (eż. Le Puy għażż aħdar Le Puy), il-Greċja (eż. Santorini fażola faba ta' Santorini), l-Iżvezja, il-Latvja, l-Awstrija u l-Polonja. Dawn il-prodotti ġeneralment jinbiegħu bi prezz ogħla minn prodotti regolari.

Is-suq tal-ikel għall-proteini tal-pjanti qed jara tkabbir b'rati ta' żewġ ċifri. Iżda biex ikollna ħarsa ġenerali aħjar, aktar data hija meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu segwiti dawn l-iżviluppi.

F'żewġ workshops li saru biex jipprovdu kontribut għal dan ir-rapport (dwar il-ktajjen ta' provvista u s-setturi tas-suq), ġiet enfasizzata l-importanza ta' ktajjen ta' provvista li jiffunzjonaw tajjeb fis-settur tal-ikel.

Tabella 4 Sommarju - Karatteristiċi tat-tliet setturi

Għalf-konvenzjonali	Għalf-primjum	Ikel
Il-prezz-bħala-l-ixprunatur-ewlieni-tal-proporzjonijiet-ta'-għalf-ikkummerċjalizzat	Id-domanda-tal-konsumaturi-(saħħa,-ambjent,-kwalità,-sistemi-ta'-produzzjoni)-	Tibdil-fid-drawwiet-tal-ikel-b'numru-li-qed-jikber-ta'-veġitarjani-temporanji,-b'popolarità-dejjem-tikber-ta'-dieta-iktar-rikki-fil-ħemes-(eż.ikel-etniku)
Kontenut-ta'-proteina-u-aċidu-amminiku-biex-jissodisfa-l-ħtiġijiet-nutrittivi-tal-bhejjem	Prodotti-ta'-valur-miżjud-(joħloq-marġini-addizzjonali-għall-produttur,-użu-ta'-ditti-biex-jigustabbiliti-ishma-tas-suq)	Impenji-pluriennali-għall-iżvilupp-ta'-ktajjen-tal-provvista-għal-prodotti-tal-ikel-(ta'-oriġini-reġjonali/Ewropea)
Disponibilità-(is-sena-kollha),-li-tilimita-l-ispejjeż-tar-riformulazzjoni	Tikkettar-volontarju,-li-jżid-it-trasparenza-relatata-mal-oriġini-u-l-metodu-ta'-produzzjoni	Riċerka-fit-togħma-u-preparazzjonijiet/tisjir-aktar-konvenjenti-u-veloċi
Intensifikazzjoni-tal-produzzjoni-tal-bhejjem-fl-Ewropa-tal-Lvant,-eqreb-lejn-żoni-tal-produzzjoni-tas-sojja-tal-UE-u-aktar-lil-hinn-minn-ċentri-ta'-importazzjoni-prinċipali	Domanda-dejjem-tikber-għal-prodotti-tal-ħalib,-bajd-u-laħam-prodotti-b'mod-sostenibbli,-inkluż-għalf-mħux-MĠ-u-ta'-oriġini-reġjonali	Rati-ta'-tkabbir-annwali-b'ċifri-doppji,-appoġġati-minn-disponibilità-mtejba-fis-supermarkets
Rati-ta'-tkabbir-ta'-swieq-konvenzjonali-aktar-milli-kollox-wieqaf-filwaqt-li-s-swieq-primjum-jikbru	Id-domanda-ortanika-mistennija-li-tikber-iktar-u-tinxtered-aktar-fit-territorju-eż.-fil-każ-tal-prodotti-tal-ħalib	Isiru-integrati-fis-suq-tal-massa,-hekk-kif-kemm-il-kumpaniji-tal-ikel-il-kbar-ewlenin-kif-ukoll-il-grupp-tal-industrija-tal-ikel-il-kbar-(supermarkets)-jibdw-joffru-varjetajiet
Volumi-kbar-ħafna-iżda-postijiet-tal-bejgħ-limitati-għal-għelejjel-tal-proteini-mkabbra-fl-UE	Suq-b'potenzjal-ta'-tkabbir-qawwi-fuq-perjodu-ta'-żmien-qasir-u-medju-u-volumi-relattivament-kbar-fil-ktajjen-tal-provvista-eżistenti-li-jeħtieġu-aġġustamenti	L-ogħla-marġnijiet-ta'-profitti-għal-bdiewa-iżda-volumi-iżgħar-ħafna-u-spiss-ikunu-hemm-bżonn-ta'-stabbilimenti-ta'-ktajjen-tal-provvista

4 IL-BENEFIĊĠI AGRONOMIĊI, AMBJENTALI U KLIMATIĊI TAL-LEGUMI

Il-legumi (ħemes, sojja u għalf leguminuż (alfalfa, xnien)) huma pjanti li jikkontribwixxu għall-iffissar tan-nitroġenu, li fihom batterji simbjotiċi msejħa *Rhizobia* fin-noduli fis-sistemi tal-għeruw tagħhom, li jipproduċu komposti tan-nitroġenu.

In-nitroġenu huwa komponent ewlieni tal-proteina u nutrijent meħtieġ għall-pjanti. Il-legumi fin-newba tal-għelejjel ġeneralment iwasslu għal ħtiġijiet aktar baxxi għal fertilizzanti minerali u organiċi bin-nitroġenu, li jikkontribwixxu għal 25 % tal-emissjonijiet totali ta' gass serra diretti mill-agrikoltura fl-UE⁹.

L-inkorporazzjoni tal-legumi fis-sistemi tan-newba tal-għelejjel fit-tul tipprovdi xi effetti pożittivi fuq il-kundizzjonijiet tal-ħamrija. Il-karbonju fil-ħamrija għandu rwol ewlieni fiċ-ċiklu tal-karbonju, fil-fertilità tal-ħamrija u fl-iżvilupp tal-pjanti u għalhekk huwa importanti fil-mudelli globali dwar il-klima u fis-sistemi agricoli.

Għalhekk, qegħdin jiġu osservati rendimenti ogħla għal uċuh tar-raba' magħżula li jsegwu l-legumi, eż. rendimenti tal-qamħ, tal-qamħirrum jew tal-lift jistgħu jiżdiedu b'10% meta mqabbla ma' dawk li jsegwu ċ-ċereali. Il-kwalità taċ-ċereali titjeb ukoll (eż. kontenuti ogħla ta' proteini jew kontaminazzjoni anqas ta' mikotossini) wara l-legumi.

⁹ Pérez Domínguez, I. et al (2016): Evalwazzjoni ekonomika tal-għażliet tal-politika ta' mitigazzjoni tal-gass serra għall-agrikoltura tal-UE (EcAMPA 2). Rapport dwar ix-Xjenza għall-Politika tal-JRC (JRC Science for Policy Report).

L-inklużjoni ta' legumi fin-newba tal-għelejjel ukoll tnaqqas il-pessjoni tal-pesti billi tikkostitwixxi waqfa f'ħafna ċikli tal-pesti li jaffettwaw iċ-ċereali. Madankollu, il-legumi huma fihom infushom soġġetti għal insetti speċifiċi.

Il-biċċa l-kbira tal-legumi huma attraenti ħafna għan-naħal u ħafna drabi jservu ta' kenn għal ħajja selvaġġa oħra, u għalhekk jista' jkollhom effett pożittiv fuq il-bijodiversità f'sistemi agrikoli b'input baxx. L-alfalfa u x-xnien ukoll għandhom effett ta' benefiċċju fuq il-ġestjoni tal-ħaxix ħażin għal uċuħ tar-raba' sussegwenti u għalhekk jistgħu jwasslu għal użu mnaqqas jew għall-ebda użu ta' erbiċidi.

Prattiċi agronomiċi sodi huma prekondizzjoni biex ikun realizzati dawn il-benefiċċji ambjentali. Is-sistemi ta' produzzjoni ta' ħafna legumi huma komparattivament eżiġenti u l-legumi jsofru minn lakuni fir-rendiment u varjabilità ta' rendiment ogħla meta mqabbla ma' ċereali jew mal-lift.

Dan tal-aħħar huwa ostakolu ewlieni għal aktar espansjoni u mira ewlenija għat-titjib tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteini. Nuqqas ta' riżorsi tat-tnissil u nuqqasijiet fl-għarfien (kompetenza agronomika baxxa, kooperazzjoni insuffiċjenti bejn il-bdiewa u atturi oħra, eċċ.) huma responsabbli għall-fatt li 3 % biss tal-art li tinħadem tal-UE tintuża bħalissa għal legumi, minkejja l-benefiċċji agronomiċi u ambjentali tagħhom.

5 IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI FIL-LIVELL TAL-UE

Il-qafas attwali tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) jappoġġja l-innovazzjoni permezz tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni Agrikola (EIP-AGRI) appoġġjata minn żewġ sorsi ta' finanzjament: il-Programm Ewropew ta' Riċerka Orizzont 2020 (H2020) u l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (RDP), li jappoġġjaw Gruppi Operattivi (OGs) u Servizzi ta' Appoġġ għall-Innovazzjoni (ara Grafika 8).

Graff 8 Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni Agrikola – li tgħaqquad l-H2020 mal-PAK



Il-legumi bbenefikaw minn proġetti ta' riċerka fuq livelli differenti. Filwaqt li komplew jibnu fuq proġetti preċedenti li indirizzaw kwistjonijiet ta' tnissil relatati ma' tensjonijiet bijotiċi/abijotiċi, l-użu ta' ikel/għalf u l-assi ambjentali tal-legumi, il-proġetti li għaddejjin bħalissa ta' Orizzont 2020 qed iħarsu lejn passaġġ ta' tranżizzjoni għal sistemi ta' produzzjoni sostenibbli u kompetittivi bbażati fuq il-

legumi u l-ktajjen tal-valur fl-UE, kif ukoll strateġiji ta' tnissil u karatteristiċi tal-ikel.

Fl-2018, in-netwerk tematiku ‘Legumes Translated’ (Legumi Mfissra) beda jiġbor l-għarfien eżistenti u l-aħjar prattiki dwar sistemi ta’ kultivazzjoni tal-legumi sostenibbli u ktajjen tal-valur. EIP-AGRI organizza grupp fokus dwar l-għelejjel tal-proteini, li pproduċa rapport¹⁰.

B’risposta għal kwistjonijiet aktar lokali, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiffinanzjaw OGs fi ħdan il-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom. Bosta minn dawn ikopru l-proteini tal-pjanti (servizzi tal-ekosistemi pprovduti minn legumi, mill-produzzjoni tal-għelejjel, minn użu ta’ għalf u ikel), pereżempju l-gruppi intitolati:

- *Iggarantixxi u żid il-produzzjoni ta’ piżelli, lupin u fażola faba fil-Brittanja (Franza);*
- *Tejjeb is-sistemi tal-għalf (inkluż l-alfalfa) għall-produzzjoni tal-ġobon Parmigiano Reggiano DOP (l-Italja).*

Il-legumi għandhom rwol ewlieni fil-kwistjonijiet trasversali relatati mad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u ċ-ċikli tan-nutrijenti li huma indirizzati wkoll minn R&I. Permezz ta’ dawk l-attivitajiet kollha, l-approċċi b’diversi atturi u l-approċċi abbażi tas-sistemi ggwidaw u sejrjn jiggwidaw attivitajiet ta’ R&I fil-proposti għal "Orizzont Ewropa" u l-futur tal-PAK. Ir-R&I jistgħu jgħinu biex dawn l-għelejjel ikunu aktar kompetittivi, u għaldaqstant huwa essenzjali li fl-istess ħin jiġu żviluppatti swieq disponibbli, li jkun hemm koordinazzjoni tal-ktajjen ta’ provvista u li jittejjbu t-tekniki tal-produzzjoni.

6 STRUMENTI TA’ POLITIKA TAL-UE U INIZJATTIVI TAL-ISTATI MEMBRI

6.1 L-istrumenti prinċipali tal-PAK li jappoġġjaw il-proteini tal-pjanti

Il-PAK attwali tipprovdi bosta strumenti li jirrikonoxxu direttament jew indirettament il-benefiċċji tal-legumi minn perspettiva ambjentali jew iżommu u jappoġġjaw il-produzzjoni ta’ għelejjel tal-proteini fl-UE, bħal:

- tħaddir – permezz tal-possibbiltà li jitkabbru ċerti għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu li huma ta’ benefiċċju għall-bijodiversità ta’ Żoni ta’ Konċentrazzjoni Ekoloġika (ŻIE), u għar-rekwiżit ta’ diversifikazzjoni tal-għelejjel.
- programmi tal-iżvilupp rurali eż. permezz ta’ Miżuri Agroambjentali Klimatiċi (AECM), trasferiment ta’ għarfien, servizzi konsultattivi, kooperazzjoni u innovazzjoni, u strumenti ta’ investiment
- appoġġ akkoppjat volontarju (VCS), – li jista’ jingħata lil setturi li għaddejjin minn ċerti diffikultajiet u biex jinżamm il-livell attwali ta’ produzzjoni

Dawn il-miżuri, flimkien ma’ ambjent pożittiv tas-suq, ikkontribwixxew għal tendenza pożittiva fis-snin reċenti u għal żieda fil-produzzjoni tal-UE tal-għelejjel tal-proteini.

L-Istati Membri kollha (minbarra d-Danimarka) jippermettu lill-bdiewa biex jissodisfaw l-obbligazzjoni tagħhom taż-ŻIE billi jikkultivaw għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu (8.3 miljun ettaru, jiġifieri 15 % tal-art li tinħadem fl-2017). L-għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu kienu l-iktar tip dikjarat ta’ ŻIE (37 % tat-total ta’ ŻIE).

Diversi Stati Membri jżidu rekwiżiti fuq għelejjel preċedenti u sussegwenti għal għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu f’ŻIE biex jiżguraw il-benefiċċji tal-bijodiversità. L-effetti tal-bijodiversità bħalissa huma soġġetti għal evalwazzjoni¹¹.

¹⁰ <https://ec.europa.eu/eip/agriculture/en/publications/eip-agri-focus-group-protein-crops-final-report>

¹¹ Evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-habitats, il-pajsaġġi u l-bijodiversità (li ġejjin).

Il-possibbiltajiet li jintużaw miżuri taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali biex jappoġġjaw għelejjel tal-proteini huma mifruxa. Minħabba n-natura tagħhom u n-numru kbir ta' programmi ta' dan it-tip, dan ir-rapport ma jippruvax jikkwantifika l-użu tagħhom iżda juri permezz ta' eżempji kif xi wħud minnhom huma adattati biex jappoġġjaw għelejjel tal-proteina.

Għelejjel tal-proteina huma inklużi f'xi miżuri agroambjentali klimatiċi (AECM). L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ lill-bdiewa biex jintroduċu għelejjel tal-proteina skont sistema ta' rotazzjoni jew billi jżommu kopertura veġetali biex itejbu l-kwalità tal-ħamrija u l-ilma f'żoni definiti

Fil-perjodu ta' programmar 2014-20, aktar minn 3 miljun ettaru kienu taħt prattiki ta' newba tal-għelejjel u diversifikazzjoni tal-għelejjel. Per eżempju, fil-Vallonja, newba b'taħlitiet ta' ċereali u mill-inqas 20% ta' legumi hija eliġibbli għal appoġġ, sakemm ma jintużawx fertilizzanti u pestiċidi.

Il-Ġermanja għandha miżura agroambjentali klimatika (AECM) biex tappoġġja n-newba tal-għelejjel fil-kultivazzjoni tar-raba', bil-kondizzjoni li mill-inqas jkunu inklużi 10 % tal-legumi.

Tabella 5 Notifiki mill-Istati Membri dwar l-użu ta' VCS (X) u ŻIE (żona ġdida) għall-għelejjel tal-proteina differenti fl-2019

Stat Membru	Piżelli	Fażola Faba	Ċiċri	Lupini	Alfalfa	Fażola tas-Sojja	Żrieragħ taż-żejt (għajr żerriegħa tas-sojja)	VCS+ (ħa)
AT								
BE								
BG	X	X	X	X	X	X		102.356
CY								
CZ	X	X		X	X	X		134.000
DE								
DK								
EE								
EL	X	X	X	X	X	X		151.058
ES	X		X	X	X	X	X	943.046
FI	X	X		X				176.570
FR	X	X			X	X		2.206.061
HR	X	X		X	X	X		70.000
HU	X	X	X	X		X		261.070
IE	X	X		X				4.500
IT	X	X	X	X		X	X	602.522
LV	X	X		X	X	X	X	38.449
LT	X	X		X	X			101.400
LU	X	X	X	X	X			800
MT								
NL								
PL	X	X	X	X	X	X		298.675
PT								
RO					X	X		426.360
SE								
SK	X	X				X		430.104
SI								
UK								

* VCS: Numru fess ta' ettari abbażi taż-żona ta' produzzjoni storika fl-2009-2013

Huwa probabbli li l-appoġġ għall-biedja organika fil-programmi tal-iżvilupp rurali x'aktarx ikollu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp tal-għelejjel tal-proteini fl-UE, minħabba li l-biedja organika tiddependi fuq legumi għan-nitroġenu u għalf prodott mill-impriża agrikola.

It-trasferiment tal-għarfien u l-miżuri konsultattivi jistgħu jintużaw biex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji agronomiċi u ambjentali tas-sistemi ta' rotazzjoni, u jipprovdu pariri għall-bdiewa. Miżuri ta' kooperazzjoni jippromwovu l-interazzjoni bejn bdiewa u atturi oħrajn, eż. biex ikunu stabbiliti u żviluppata ktajjen ta' provvista qosra u swieq lokali.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw miżuri oħrajn skont dawn il-programmi li jipprovdu appoġġ għal investiment fl-assi fiżiċi, biex ibiddu l-orjentazzjoni tal-produzzjoni tagħhom, eż. lejn l-għelejjel tal-proteini.

Taħt l-iskema ta' pagament dirett, l-Istati Membri jistgħu jagħtu VCS lil setturi li qed jesperjenzaw diffikultajiet, biex iżommu l-livelli attwali ta' produzzjoni. Żrieragħ żejtnin, legumi tal-grani u għelejjel tal-proteini oħra huma eliġibbli taħt din l-iskema.

Fl-2019, 16-il Stat Membru se jappoġġjaw għelejjel tal-proteini permezz tal-VCS. Kważi 12 % tal-baġit tal-VCS huwa allokata għall-għelejjel tal-"proteina". Il-livelli tal-ghajjnuna jvarjaw minn EUR 35 sa 660 għal kull ettaru (medja ta' EUR 79 għal kull ettaru).

Fl-2017, f'222 każ, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti kellhom l-għelejjel tal-proteini inklużi fl-attività tagħhom¹². Ħafna minn dawn l-organizzazzjonijiet qed itejbu l-katina ta' provvista u l-aċċess għas-suq, billi jużaw l-eżenzjonijiet mir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE għal kummerċjalizzazzjoni konġunta.

13-il Stat Membru qed jippjanaw li jqassmu l-ħemes lit-fjal permezz tal-iskema għall-iskejjel tal-UE fis-snin li ġejjin (ibbażati fuq strateġiji nazzjonali li kienu ssottomessi).

6.2 Eżempji ta' inizjattivi tal-Istati Membri

B'mod parzjali bl-użu ta' strumenti tal-politika tal-UE, il-Ġermanja, Franza (f'kooperazzjoni ma' Organizzazzjoni Interprofessjonali) u l-Polonja¹³ waqqfu pjanijiet nazzjonali biex jappoġġaw il-kultivazzjoni tal-għelejjel tal-proteini.

Il-Ġermanja	Franza	Il-Polonja
<i>Netwerk ta' farms ta' dimostrazzjoni, miżuri agroambjentali klimatiki (AECM) u djalogu mal-partijiet ikkonċernati</i>	<i>Rinfurzar tal-ktajjen ta' provvista, il-ħolqien tal-valur permezz taċ-ċertifikazzjoni, ir-riċerka</i>	<i>Żieda fl-użu ta' proteini li jiġu minn sorsi domestiċi għall-għalf tal-annimali</i>
<p>Programm ta' R&I flimkien ma' netwerks ta' dimostrazzjoni għas-sojja (aktar minn 100 razzett), piżelli u fażola (iktar minn 75 razzett) u lupin (aktar minn 50 razzett), kemm organiċi kif ukoll konvenzjonali.</p> <p>Dawn in-netwerks jagħmlu testijiet fuq il-varjetajiet u jittrasferixxu l-għarfien bejn il-bdiewa li jużaw sistemi organiċi u dwak li jużaw sistemi konvenzjonali.</p> <p>Miżuri agroambjentali klimatika (AECM) għan-newba tal-għelejjel tal-legumi.</p> <p>Pjattaforma ta' djalogu għall-partijiet ikkonċernati dwar għalf b'proteini iktar sostenibbli.</p>	<p>Fokus fuq il-ħolqien u t-tisħiħ tal-ktajjen ta' provvista, kemm għall-għalf kif ukoll għall-ikel.</p> <p>Miri għall-produzzjoni (500 000 ettaru ta' għelejjel tal-proteini sal-2022, b'10 sa 20% ta' rendiment aħjar), u għall-ambjent (20 sa 30% inqas ta' użu ta' pestiċidi u emissjonijiet ta' gass serra).</p> <p>L-elementi ewlenin huma: R&I, titjib tal-esplotazzjoni ta' tipi ta' prodotti sħaħ, u skemi ta' ċertifikazzjoni.</p>	<p>Programmi R&D pluriennali biex tiżdied il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti mkabbra lokalment permezz tar-riċerka (tnissil, adattament ta' varjetajiet, prattiki agronomiċi, żviluppi fil-katina ta' provvista, titjib fl-użu tal-proteini fl-għalf tal-annimali).</p> <p>L-għan ewlieni huwa li titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tas-sojja.</p>

Id-Danimarka, l-Awstrija u n-Netherlands introduċew inizjattivi biex jippromwovu l-proteini tal-pjanti. Fid-Danimarka, il-Bord Nazzjonali tal-Bijoeconomija ppubblika r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-Futur tal-Proteini¹⁴ fir-Rebbiegħa 2018. Dawn huma marbuta mill-qrib biex jilħqu l-għanijiet ambjentali tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilima, inaqqsu

¹² Ecorys (2018): Studju dwar l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi u l-attivitajiet tagħhom fis-setturi taż-żejt taż-żebuga, taċ-ċanga u tal-vitella u prodotti ta' raba' li jinadem.

¹³ il-Ġermanja: Beans, Peas & Co. Strateġija għall-Għelejjel tal-Proteina minn BMEL għall-promozzjoni tal-kultivazzjoni tal-ħemes fil-Ġermanja, mill-2012

Franza: 'Plan de filière' 2018-22

il-Polonja: Żieda fl-użu tal-proteini tal-pjanti li jiġu minn sorsi domestiċi għall-għalf tal-annimali u l-produzzjoni tal-prodotti tal-annimali ta' kwalità għolja fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli - 2016-2020.

¹⁴ Bord Nazzjonali dwar il-Bijoeconomija: Proteini għall-futur, 2018.

l-emissjonijiet tal-gass serra u l-użu tal-pestiċidi. Hemm enfasi fuq l-R&D, mill-estrazzjoni ta' proteini mill-ħxejjex, fażola faba u sorsi oħra ta' proteini (insetti u proteini tal-baħar) għall-applikazzjoni ta' dawn il-proteini fl-għalf, fl-ikel u materjali b'bażi bijoloġika, bil-għan li jipproduċu kummerċjalment materja prima bbażata fuq il-proteini sostenibbli.

Minkejja n-nuqqas ta' pjan nazzjonali, l-Awstrija tiffoka fuq il-proteini tal-pjanti li huma mkabbra lokalment u żiedet b'mod sinifikanti ż-żona tagħha ta' għelejjel tal-proteini f'dawn l-aħħar snin. Appoġġjata minn domanda qawwiya għall-produzzjoni ta' għalf lokali mhux ġenetikament modifikat u fokus fuq sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, is-sojja saret ir-raba' għalla li tinħarat u fis-snin li ġejjin tista' taqbeż il-qamħirrum.

Il-politika dwar l-ikel Olandiża tinkludi mira biex il-proporzjon bejn il-proteini mill-annimali u dawk mill-pjanti kkonsmati mill-bniedem ikun ibbilanċjat mill-ġdid. Fokus minnhom huwa l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku u l-edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni, biex jitjeb l-għarfien fost il-konsumaturi. Is-settur tal-prodotti tal-ħalib Olandiż introduċa pjan li, sal-2025, 65% tal-proteini użati fil-maħleb għandhom jiġu mill-maħleb innifsu jew minn raġġ ta' 20 km. Din il-mira sejra tistimula l-produzzjoni reġjonali tal-għelejjel tal-proteina u taħlitiet tal-ħaxix u tas-silla.

F'livell sopranazzjonali, f'Lulju 2017, 14-il Stat Membru ffirmaw id-"Dikjarazzjoni Ewropea dwar is-Sojja"¹⁵, u b'hekk impenjaw ruħhom li jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli tas-sojja f'żoni xierqa tal-Ewropa, jinkluduha f'diversi newbiet tal-għelejjel u jiżviluppaw sojja sostenibbli u swieq oħra tal-legumi fl-Ewropa. Il-firmatarji wiegħdu li jieħdu miżuri bħalma huma l-promozzjoni ta' dieti sostenibbli li minnhom tibbenefika s-saħħa billi jintużaw proteini tal-pjanti, li jinkoraġġixxu għalf tal-bhejjem iktar preċiż, li jnaqqsu d-dipendenza fuq is-sojja importata permezz ta' użu aktar effettiv ta' sorsi ta' proteini Ewropej u li jsaħħu l-appoġġ għaċ-ċertifikazzjoni tal-fażola tas-sojja prodotta b'mod sostenibbli.

7 KONKLUŻJONIJIET

Bl-għajjnuna ta' ambjent pożittiv tas-suq u miżuri ta' politika eżistenti, is-settur tal-proteina tal-pjanti tal-UE kiber b'mod dinamiku f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari s-settur tal-għalf u l-ikel tal-ogħla kwalità.

Bid-data disponibbli bħalissa, mhuwiex faċli li jiġi kkwantifikat kemm dawn iż-żewġ setturi se jikbru b'mod dinamiku fil-futur. Madankollu, l-iżvilupp se jkompli jkun influwenzat mill-ixprunaturi li ġejjin:

- It-tkabbir fil-kompetittività relattiva ta' għelejjel tal-proteini mkabbra fl-UE meta mqabbel ma' għelejjel oħra u proteini tal-pjanti mhux mill-UE, eż. permezz tad-disponibbiltà ta' varjetajiet aħjar u għarfien aħjar ta' Prattiki agronomiċi speċifiċi u aspetti oħra taċ-ċiklu tal-produzzjoni
- L-iżvilupp tal-ktajjen ta' provvista organizzati u organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur, li jippermettu lil ekonomiji ta' skala, it-titjib tal-kwalità u ttikkettar biex jippromwovu għelejjel tal-proteini mkabbra fl-UE
- Rikonoxximent akbar ta' kif il-ħemes jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali u klimatiċi, permezz ta' Prattiki agroekoloġiċi bħal newba tal-għelejjel estiża

¹⁵ http://www.donausojja.org/fileadmin/user_upload/Activity/Media/European_Soya_signed_declaration.pdf

- Tibdil fl-imġiba u fil-preferenzi tal-konsumaturi, inkluż l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-proteini mill-pjanti u dawk mill-annimali fil-konsum tal-bniedem u l-agrikoltura ekoloġika
- L-influenza ta' politiki u ta' dibattiti oħrajn fis-soċjetà dwar il-produzzjoni tal-għelejjel tal-proteini (eż. it-twaqqif tad-deforestazzjoni tropikali, biex tikkontribwixxi għall-ftehim klimatiku ta' Pariġi, għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u għall-istrateġija Ewropea dwar is-sostenibbiltà u l-bijoeconomija)

Għadd ta' strumenti ta' politika eżistenti, u proposti ta' politika taħt il-baġit pluriennali l-ġdid tal-UE (qafas finanzjarju pluriennali), b'mod partikolari għall-agrikoltura u r-riċerka, jipprovdu għażliet għal aktar tisħiħ tal-iżvilupp ta' proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE:

1. Appoġġ lill-bdiewa li jkabbru l-proteini tal-pjanti permezz tal-PAK futura proposta, billi jinkludhom fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK nazzjonali

L-iżvilupp tal-għelejjel tal-proteina jista' jgħin biex jintlaħqu l-biċċa l-kbira tad-9 għanijiet tal-PAK (ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi u soċjoekonomiċi, inkluż dieti aktar tajba għas-saħħa).

Biex tappoġġa lill-Istati Membri li jidentifikaw miżuri fil-mira, f'konformità mal-analiżi tal-ħtiġijiet tagħhom, il-Kummissjoni se tippovdi pariri dwar modi kif il-proteini tal-pjanti jistgħu jkunu inklużi fi pjanijiet strateġiċi nazzjonali, inkluż:

- l-istabbiliment ta' programmi settorjali, b'benefiċċju dirett jew indirett għall-proteini, biex jissaħħu l-ktajjen ta' provvista, jiġi żblukkat il-potenzjal tas-suq tal-proteini tal-pjanti u biex il-bdiewa jiġu megħjunin isiru aktar reżiljenti
- ippremjar tal-benefiċċji tal-legumi għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi (bħal kopertura veġetali jew newba tal-għelejjel) permezz ta' skemi Ekoloġiċi u impenji ta' ġestjoni ambjentali/klimatiċi skont il-programmi tal-iżvilupp rurali. It-tnejn li huma joffru possibbiltajiet biex jgħinu lill-produtturi jikkonvertu għal tipi ta' biedja aktar sostenibbli, inkluż intensifikazzjoni sostenibbli, agrikoltura bbażata fuq il-konservazzjoni, u prattiċi agro-ekoloġiċi
- Immobilizzar tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali għall-investiment fl-irziezet, pariri ta' appoġġ fis-settur tal-biedja, trasferiment ta' għarfien, stabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, u kooperazzjoni tul il-katina alimentari
- Id-dedikazzjoni ta' ammonti xierqa għal appoġġ tad-dħul akkoppjat għal proteini tal-pjanti li qed jiffaċċjaw diffikultajiet fl-iżvilupp tagħhom, biex dawn isiru aktar kompetittivi/sostenibbli jew biex titjabilhom il-kwalità (mingħajr ma jillimitaw lilhom infushom għat-2 % addizzjonali)

2. Tkompli tissaħħaħ il-kompetittività permezz ta' R&I

L-R&I hija xprunatur ewlieni għat-titjib tal-kompetittività tal-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE. Appoġġ kontinwu mill-programmi ta' riċerka tal-UE u tal-Istati Membri se jgħin biex jitnaqqsu l-lakuni fit-tneissil, biex jiġi kkompensat investiment baxx mis-settur privat f'għelejjel tal-proteini "iżgħar" u biex ikun hemm attenzjoni fuq il-ħarsien tal-għelejjel li jiffavorixxu sistemi aktar ekoloġiċi, il-ġestjoni tal-ħamrija b'mod sostenibbli u l-ktajjen ta' provvista.

Il-proposta għal "Orizzont Ewropa" – b'irduppar tal-baġit agroalimentari – se tippermettiena nindirizzaw dawn l-isfidi, inkluż, jekk rilevanti, permezz ta' sejħiet għal proġetti ta' riċerka/innovazzjoni speċifiċi għall-għelejjel tal-proteina.

Is-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli, appoġġjata kemm minn Orizzont Ewropa kif ukoll mill-programmi tal-iżvilupp rurali, tgħin fl-implimentazzjoni tal-innovazzjoni fuq il-livell ta' razzett u fil-ktajjen ta' provvista.

Skont is-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli, in-netwerks tematiċi u l-gruppi operattivi se jkomplu jiġbru l-aħjar prattiki u jużaw bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka billi jaqsmuhom madwar l-UE.

3. Titjib tal-analiżi tas-suq u t-trasparenza, permezz ta' għodda ta' monitoraġġ aħjar għall-proteini tal-pjanti

Ġbir ta' data aħjar dwar il-prezzijiet, il-flussi tal-kummerċ u ċ-ċifri tal-produzzjoni/konsum sejrjn jgħinuna nifhmu aħjar id-dinamiċi tas-suq.

Id-DĠ AGRI se jkorpora b'mod sistematiku l-għelejjel tal-proteini fil-ħidma tal-Osservatorju tas-Suq tal-Għelejjel u se jkorpora jibda diskussjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati dwar il-ġbir u l-iskambju ta' data fuq bażi regolari.

Meta jiffavorixxu suq aktar trasparenti għall-proteini tal-pjanti matul il-katina tal-valur, l-operaturi jkunu jistgħu jfasslu aħjar id-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-produzzjoni u l-investment. Fuq perjodu medju, dan jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' possibbiltajiet għal għodod għall-ġestjoni tar-riskju, inkluż swieq futuri għas-sojja u għelejjel tal-proteini oħrajn espressi f'EUR.

4. Promozzjoni tal-benefiċċji tal-proteini tal-pjanti għan-nutrizzjoni, għas-saħħa, għall-klima u għall-ambjent

L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati huma mistiedna jużaw il-possibbiltajiet diversi biex jikkomunikaw b'mod proattiv dwar, u jippromwovu, l-għelejjel tal-proteini għall-agrikoltura, l-għalf u l-ikel. Opzjoni waħda hija li jintużaw sejħiet eventwali skont il-programm ta' promozzjoni tal-UE għal prodotti agroalimentari, bħal:

- *"Programmi dwar skemi ta' kwalità tal-UE, organiċi"*
- *"Programmi li jenfasizzaw sistemi ta' produzzjoni agrikoli speċifiċi", eżempju t-traċċabilità, l-awtentikità, l-ittikkettjar, l-aspetti nutrizzjonali u tas-saħħa, l-ambjent u s-sostenibbiltà.*

FI-2019, EUR 200 miljun se jkunu disponibbli biex jikkofinanzjaw programmi ta' promozzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata wkoll li tikkomunika b'mod wiesa' l-benefiċċji tal-proteini tal-pjanti (eżempju f'fier, fil-midja soċjali) u li tkompli tinteraġġixxi mat-tfal permezz tal-iskemi fl-iskejjel.

5. Żieda fil-qsim tal-għarfien/l-aħjar prattika fil-ġestjoni tal-katina ta' provvista u prattiki agronomiċi sostenibbli u l-ġbir ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' riċerka ta' tnissil, innovazzjoni teknika u pproċessar, eżempju fuq pjattaforma ddedikata għall-għarfien

Il-Kummissjoni titlob li jsir dibattitu kontinwu – mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet ikkonċernati l-oħrajn – dwar kif l-aħjar li jkunu stimulati approċċi reġjonali u nazzjonali u jkun utilizzat il-potenzjal ekonomiku tal-proteini tal-pjanti, permezz ta' strumenti tal-politika attwali u futuri għal tkabbir ulterjuri tal-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti fl-UE.